MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 661/2004

**E. Grech Cristal Bath Ltd**

**Vs**

**George Galea u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2006 gew imsejhin fil-kawza s-socjeta Construction & Turnkey Projects Co Ltd u Simon Zammit u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2007 il-qorti ordnat li Simon Zammit jibqa' biss kjamat fil-kawza**

Permezz ta' kawza prezentata fl-1 ta' Settembru 2004 talbet il-hlas tas-somma ta' tmint elef erbgha (Lm8457) bilanc minn somma ikbar ghall-bejgh u konsenja ta' oggetti u kmamar tal-banju.

Il-konvenut isostni li:-

1. M'huwiex legittimu kontradittur ghaliex qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-attrici.
2. Hu kien ta kuntratt ta' appalt lil S & D Construction & Turnkey Projects Co Ltd ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet. Il-konvenut hallas lil din il-kumpannija.
3. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.

Wara li l-qorti rat l-atti hu evidenti li t-talbiet attrici huma gustifikati. In-negozju sar mal-konvenut (ara deposizzjoni ta' Adrian Grech tat-2 ta' Frar 2006 u 15 ta' Mejju 2006 u Emanuel Grech fis-16 ta' April 2008[1]). Sahansitra Galea kien ghamel ukoll hlas akkont ta' hames mitt lira Maltija (Lm500)[2]. Irrizulta wkoll li l-kumpannija li l-konvenut ghamel riferenza ghaliha qatt ma kienet tezisti. Fil-fatt b'digriet li nghata fil-21 ta' Marzu 2007 il-qorti ordnat li ghandu jibqa' msejjah fil-kawza Simon Zammit. Ghalkemm notifikat, Zammit baqa' kontumaci. X'seta kien l-arrangament bejn Zammit u Galea hu *res inter alios acta* ghall-attrici. Dan qieghed jinghad ghaliex jidher li fl-istima li ta Zammit lil Galea jinghad li tinkludi *"…. Materjal b'kollox u bil-madum u l-kmamar tal-banju…."* (fax datata 28 ta' Frar 2001).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet ta' Galea u tilqa' t-talba tal-attrici fis-sens li tikkundanna lill-konvenut George Galea jhallasha s-somma ta' dsatax-il elf sitt mija u disgha u disghajn ewro u wiehed u hamsin centezmu (€19,699.51), bl-imghax kif mitlub. Fl-istess waqt tillibera lil Simon Zammit mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma tressqux provi li ghandu xi relazzjoni guridika mal-attrici. Spejjez a karigu tal-istess konvenut.**

[1] Irrizulta li Galea kien ukoll ghamel pagament akkont.
[2] Ara Dok. X1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------